# Tfulija wara Santa Marija

Lina Mc Carthy



## X'Niftakar

Ta' kull sena, fi żmien il-festa niltaqa' ma' xi ġirien antiki, speċjalment dawk li emigraw u li jiġu lura għall-festa tar-raħal: dik tal-Lunzjata kif insejħula aħna l-Balzanin. Dan l-aħħar iltqajt ma' Anthony Attard (Ninu ta' Ġellewża jew tal-Għawdxija) u waqt li billejna griżmejna fil-bitħa tal-Każin San Gabriel, ftakarna u dħakna flimkien b'xi erbà praspar tat-tfulija. Dak il-ħin ġietni l-idea li nikteb ftit memorji sbieħ u anke forsi xi ftit koroh ta' tfuliti.

Triq Santa Marija ftit snin wara l-gwerra kienet qisha bejta tan-naħal. Minn kull toqba ġol-ħajt kienu joħorġu ruxxmata tfal. Insemmi xi familji numerużi li kien hemm. Nibda b'żewġ familji li emigraw b'kollox f'nofs il-ħamsinijiet. Dawn kienu l-familja Attard (tal-Għawdxija) li kellhom għaxart itfal u l-familja Sciberras (tal-Fajjenza) li wkoll kienu għaxart itfal. Kien hemm ukoll il-familja Borg (Ta' Kalanċ), il-familja Muscat ta' Ġorġ il-Landier, il-Familja Mizzi (Ta' Bagaga ) li ġew minn Bormla fil-gwerra u baqgħu jiżdiedu ġo Ħal Balzan, u ma ninsewx, il-familja ta' Bramu (Muscat) li għadhom kollha attivi ġor-raħal, kif ukoll il-familja ta' Pawla Borg tal-Barriera u Katarin Decelis (Tal-Mannu). Dawn kienu kemmxejn akbar minni fl-età u wħud minnhom emigraw. Triq Santa Marija għalija kienet '*home*' għax għalkemm id-dar tagħna kienet tagħmel ma' Triq il-Kbira, kellha kantuniera ma' Triq Santa Marija. Barra minn hekk kelli ż-żewġ nanniet u ħames zijiet joqogħdu hemm, tlieta min-naħa ta' missieri – ta' Dingli tal-Ġobon u tnejn min-naħa ta' ommi ta' Dandu jew ta' Każopja kif kienu jgħidu 'l ommi.

## Logħob

Ma nistax nikteb fuq Triq Santa Marija u ma nibdiex bil-logħob. L-ewwel ma tiġini f'rasi hija l-logħba tal-'Ħarba'. Konna ningħaqdu żewġ gruppi, niġru madwar id-dawra ta' fuq u d-dawra t'isfel. Niġru wara xulxin, min jaqbad l-iżjed mill-għadu kien jirbaħ. Niftakar darba qlajna argument bejn ommi u Katarin ta' Ġorġ għax lil Lorry qattajtlu l-flokk. Qbadtu mill-flokk, hu baqa jiġri u l-flokk ġie nofsu f'idi. Ġugarelli ma kellniex, iżda minflok roti u '*scooters*' kellna l-karretti tal-*ballraces* u ċ-ċirku. Il-karretta kienet kaxxa ċatta mal-art fuq roti miġbuda b'biċċa ħabel. Ir-roti tal-*ballrace* kienu jiġu mingħand xi ħadd li jsewwi l-vetturi tal-militar jew mid-*dockyard*. Il-karretta kienet ġugarell tas-subien daqsxejn kbar. Jien kont niddobba xi rikba għan-niżla ta' Triq San Valentinu. Mhux l-ewwel darba li spiċċajt imkaħħla man-niċċa tal-Abbandunati. It-tifel kien jiġbor il-karretta u jitlaq jiġri 'l fuq u jien immur nibki għand ommi b'xi gundalla daqs ballun. Ommi biex tbeżżagħni kienet tgħidli li jekk jarani l-kappillan, li dak iż-żmien kien Minuti, nilgħab mas-subien kbar, ma jagħmillix il-preċett. Għalhekk meta kien jitfaċċa l-kappillan fit-triq tagħna, it-tfal kollha kienu jmorru lejh għall-benedizzjoni u jien kont immur nistaħba fl-antiporta. Iċ-ċirku kien ukoll popolari. Dan kien ikun xi rota ta' pram u kienu jsuquha b'xi biċċa fildiferru ħoxna.

Logħob ieħor ta' dak iż-żmien kien it-tajra tal-karti. Erħilna nwaħħlu l-karti mal-qasab bil-kolla li konna nagħmlu bid-dqiq u ilma u ntajru t-tajra minn fuq il-bejt jew minn xi għalqa li kien għad hawn f'Ħal Balzan. Personaġġ li dejjem bqajt nassoċjah mat-tajra kien Alfred Brincat (magħruf bħala Paċali) li kien joqgħod fl-isqaq Numru 2 , Triq il-Kbira magħruf bħala l-isqaq tal-Fuli. Dan Fredu kien jagħmel tajra forma ta' Tork. Kulħadd kien jammirah għax kien veru jaħdmu bis-sengħa.

U xi ngħidu għall-parties li konna nagħmlu aħna l-bniet. Kulħadd jixtri sold ħelu li jagħtina erbgħa mingħand Toni ta' Ġiġa, li kellu ħanut ħdejn l-Istatwa ta' Santa Marija. Kien hemm ħwienet oħrajn bħal Ġorġa, f'numru 4 u Sunta fejn illum twaqqa' u minfloku hemm Garaxx numru 30, kantuniera ma' sqaq iz-Zekkuk. Dawn kienu t-tlitt iħwienet tal-merċa li niftakar fi Triq Santa Marija. Il-'party' kien isir jew fuq l-għatba tal-knisja ta' Santa Marija jew fl-isqaq Nru 1, li konna nsibuh bħala l-isqaq ta' Fantin. Il-'Playgrounds' tagħna kienu t-toroq u l-għelieqi ta' madwar. L-aktar popolari kien Sqaq il-Barriera u l-għalqa ta' Kalċ (Triq Papa Alessandru). Dawn kienu kollha għelieqi bis-siġar tal-lewż u konna nagħmlu xalata nixxabbtu mas-siġar naqtgħu l-lewż u nkissruh b'xi ġebla. S'intendi, iż-żibeġ u l-boċċi ma kinux jonqsu dak

iż-zmien. Dawn kienu popolari meta kienu jħaffru l-ħofor għall-pilandri tal-festa.

## Drawwiet

Wara nofsinhar għall-kwiet fis-sajf, bilqiegħda fuq l-għatba wara l-bieb, konna nnittfu xi qatta ċiċri ħadra li kien jiġi jbigħ wieħed minn Birkirkara, bil-karettun. Barra minn hekk, ċerta Euphemia li kienet toqgħod fi sqaq nru 1, kellha drawwa li tiġbor it-tfal li jkunu barra u toħodhom il-knisja jgħidu r-Rużarju. Peress li ommi ma kinetx tħallini nilgħab barra wara nofsinhar, lil Fiemja kont naraha anġlu, għax bis-saħħa tagħha kont noħroġ biex immur il-knisja. Darba waħda wara l-fonti tal-Magħmudija kien hemm qattus iswed li daħal jorqod għall-frisk. It-tfal kollha bdew jitkellmu fuqu u Fiemja biex iżżommna kwieti qaltilna li dak kien ix-xitan qed ifixkel ir-Rużarju. Jiena li kont għadni se nagħmel il-preċett, kont smajt il-Mużew li fil-Magħmudija joħroġ ix-xitan mir-Ruħ u tidħol il-grazzja t'Alla. Bl-innoċenza tat-tfulija poġġejt waħda mal-oħra u bqajt naħseb sa ma kbirt li dak ix-xi ħaġa sewda wara l-Fonti kien ix-xitan. Għalhekk bqajt nibża' nidħol il-knisja mill-bieb il-kbir sa ma kbirt u skoprejt li kien qattus.

L-istess konna nagħmlu filgħaxija. In-nisa joħorġu siġġu wara l-bieb, jew jinġabru fuq iz-zuntier tal-kappella. It-tfal kollha jiġru u jaqbżu fuq iz-zuntier. Biex ninġabru kienu jgħidulna r-rużarju u wara kienu joqogħdu jgħidu stejjer tal-ħares. Kien hemm in-nanna ta' Kota li kienet iżżewwaq l-istejjer biex twerwirna bihom. Mhux l-ewwel darba li xi wieħed mis-subien kien jorbot xi biċċa ċarruta ma' spaga taparsi ġurdien u jisfratta lil kulħadd.

## Bejjiegħa tat-Toroq

Fi Triq Santa Marija kienu jiġu diversi bejjiegħa. Kien jiġi l-Mosti filgħodu kmieni jbigħ il-frott. Tgħidx x'kull ikla ħawħ konna nieklu qabel immorru l-iskola. Kien jiġi wkoll tal-irkotta bil-fardal u l-kappell abjad silġ, nadif xummiema u jaqta' l-irkotta bi spaga biex ma jmiss xejn b'idejh. Kienu jiġu wkoll tal-qubbajd, "iż-Żebbuġi" pulit biċ-ċoff iswed, flok ingravata, tal-bigilla u tal-ġelati, tat-tut, tal-kappar u tal-melħ. Dawn tal-aħħar kienu jbigħu bil-kejla. Għalhekk kulħadd kien jieħu skutella jew bott biex jixtri kejla tut, melħ jew kappar. Dawn kienu jiġu bil-mixi iżda oħrajn kienu jiġu biż-żiemel. Niftakar jiġi wieħed li nsejt ismu, li kien ibigħ il-minċotti u żigarelli u l-buttuni, jinbotta l-karrettun bla bhima sa ma miet. Aħna t-tfal bniet konna nixtru ċ-ċfuf għal xagħarna għall-iskola. Dan kien żmien fejn il-libsa tal-festa kienet tħitha ommok jew xi zija. Iż-żraben kien jagħmilhom Saver l-iskarpan b'sengħa kbira, skont id-daqs tas-sieq. Saver kellu l-ħanut u d-dar quddiem l-istatwa ta' Santa Marija

Niftakar ukoll lil dak li jsinn is-skieken u jsewwi l-borom. Dan kien ipoġġi bilqiegħda fil-kantuniera u kull min ikollu xi borma mtaqqba jew bla widna kien iġibhom għat-tiswija. Alla jaħfirlu, rabba familja u llum għandu ibnu saċerdot. Ma nistax ma nsemmix lil Ġanmarie tal-Forn li kien jiġi biż-żiemel ibigħ il-ħobż u li oħti Nancy spiċċat iżżewġet lil ħuh Ġulin.

Niftakar lil Toni ta' Ġiġa jagħmel is-silġ ġol-kaxex tal-friża għal xi flixkun Pepsi jew Orange u aħna nixtruhom sitt ħabbiet il-waħda għax id-dar ma kellniex 'fridge'. Kien jiġi wkoll it-trakk ibigħ is-silġ bil-blokki għal min kellu kaxxa tal-friża. Sunta tal-ħanut kienet tbigħ il-pasti friski kull filgħaxija li kien iqassam is-Sur Zerafa tal-Pasti. Is-Sur Stagno Navarra kien iqassmilhom il-luminata.

## L-Iskola

L-iskola konna mmorru bil-mixi. Tal-Bniet kienet fil-bini fejn illum hemm il-Kunsill Lokali, u li meta kbirt spiċċajt ngħallem fiha. Tas-Subien kienet kif iddur il-kantuniera lejn Ħ'Attard ħdejn il-bieb ta' San Anton. Il-Bniet u l-Infants konna ninġabru fil-kantina sakemm iddoqq il-qanpiena tad-dħul. Tgħidx kemm konna nilagħbu noli fid-dlam tal-kantina. Fit-triq konna nixtru xi sold ħelu mingħand Ġiġina jew mingħand il-Qagħdi.

## Żmien il-Festa

Meta toqrob il-festa kienu joħorġu l-armar minn fejn kien ikun maħżun fil-kappella ta' Santa Marija. L-għors tagħna kien li nagħmlu l-kutrumbajsa mal-braned tal-istatwi. Fil-festa, il-'Keti' kien iġib il-banda li kienet tarma l-planċier fil-pjazza ta' quddiem il-knisja ta' Santa Marija u t-tfal konna noqogħdu nilagħbu madwar is-siġġijiet u l-leġiji. Fil-festa ta' San Valentinu, jiena u l-kuġini Micallef, ta' Valent, li kienu joqogħdu ġod-dar ta' mal-knisja u li l-bjut tagħna kienu faċċata ta' xulxin, konna ngħaddu ħabel minn naħa għall-oħra. Fih konna ndaħħlu xi erba' qarabagħliet jew bettieħ imħaffer b'xemgħa tixgħel taparsi fanali. L-għada erħilna nittawlu mill-gallarija u nidħku b'xi ħadd li jkun se jiżloq fix-xemgħa li tkun qattret fil-kantuniera. Meta twaqqfet il-Banda San Gabriel, Abraham Muscat u Kelinu ..., ġabru lit-tfal kollha biex inkantaw l-Innu lil Marija Annunzjata li kien għadu kif inkiteb u l-bniet kollha tal-inħawi ta' Santa Marija konna mmorru għall-provi fil-każin li dak iż-żmien kien faċċata ta' fejn jinstab illum. Niftakar li fit-taraġ li kien jitla' għas-sala kien hemm inkwatri tal-kompożituri kollhom mustaċċi mibrumin.

## Diżgrazzji

Sfortunatament barra mumenti sbieħ kellna wkoll mumenti koroħ fil-komunità ta' Triq Santa Marija. Ma nistax ma nsemmix tliet diżgrazzji li ġraw fil-

ħamsinijiet. Tnejn minnhom kienu fatali. Il-mewt ta' Reuben Sciberras, tifel ta' għaxar snin, li miet mgħaffeġ taħt rota ta' *private* li kienet se toħodhom il-baħar. Mewt oħra traġika kienet ta' Alfred Borg, ħu ż-żgħir ta' Lino u Guido Borg li miet mgħarraq ġol-vaska tar-Royal Hotel (illum Corinthia Palace) waqt tieġ privat. Storja oħra li spiċċat b'wiċċ il-ġid kien meta Violet Attard ta' Nina l-Għawdxija weħlet minn għonqa mal-ħadid tal-istatwa ta' Santa Marija. B'xorti tajba tfaċċa t-tabib Vella li kien joqgħod ftit 'il fuq fi Triq il-Kbira u ħariġha u dewwieha.

## L-Emigrazzjoni

L-emigrazzjoni bidlet għal kollox l-istil tal-ħajja f'Ħal Balzan, bħal f'irħula oħra madwar Malta. Wara l-1955 il-familji, kbar u t-tfal bdew jonqsu bl-emigrazzjoni. Waqa' kwiet u dieqa fi triq Santa Marija hekk kif familji kbar u kull żagħżugħ li beda jilħaq is-16 jew 17-il sena beda jitlaq minn Malta jfittex ix-xogħol. Tard fil-ħamsinijiet l-irħula Maltin bdew jitbattlu u dak is-sens ta' familja li kien hemm fil-bidu beda jispiċċa kif spiċċaw il-familji numerużi. Ħal Balzan ma kienx eċċezzjoni u għaddejna mill-istess tibdil, speċjalment meta fl-aħħar tal-ħamsinijiet beda dieħel ukoll it-televiżjoni li wkoll kien kaġun biex jinbidel l-istil tal-ħajja tagħna.

Nista' ngħid li matul ħajti dort nofs id-dinja u għamilt kull tip ta' xogħol, dejjem skont iċ-ċirkostanzi tal-familja, iżda l-ewwel sittax-il sena ta' ħajti wara Santa Marija ma ninsiehom qatt, u għadni sal-lum noħlom bid-djar ta' tfuliti, taż-żewġ nanniet, li t-tnejn kienu joqogħdu hemmhekk. Dak kien żmien ta' ħajja sempliċi. Lussu xejn iżda tfulija kuntenta. Ma nitlifx okkażjoni li mmur Triq Santa Marija fi żmien il-festa biex nerġa' nżur l-irkejjen sagri ta' tfuliti.